# IL-BIDWI

FOLJU MAĦRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

Nru. 25 IT-TNEJN, 15 TA' NOVEMBRU, 1943. Nru. 25


## ĠIEĦ LIL MIN JISTĦOQQ
## TISLIMA LIL SIR JOHN RUSSELL, F.R.S.

(*Minn K. Zammit Marmarà, M.B.E.*)

SIR John Russell F.R.S., li għadu kif għalaq 70 sena, kien Direttur tar-"Rothamsted Experimental Station" u issa irtira minn din il-karika tiegħu wara li ta lid-dinja kollha xogħol sabiħ u ta' siwi. Sir John Russell hu wieħed mill-awtoritajiet ewlenin dwar il-kimika tal-Biedja. Barra mill-kotba tiegħu li huma magħrufa mill-istudenti u mexxejja tal-Biedja f'kull pajjiż, Sir John Russell ivvjaġġa ħafna fl-Amerika, fir-Russja, fl-Indja, fl-Affrika u f'bosta pajjiżi oħra u dejjem ħa miegħu notamenti ta' tkixxif dwar il-prodotti li hu stess kien ikun għamel.

Il-Laboratorji ta' Rothamsted kienu ilhom taħt it-treġija tiegħu mill-1912, u taħtu l-esperimenti li għamel kienu xterdu sewwa. Hu dejjem inkoraġixxa x-xjenzjati ta' pajjiżi oħra biex iżuru Rothamsted u jaħdmu wkoll hemmhekk. Fis-swali ta' dak il-qasam famuż ltaqa' ma' nies ta' xi tnax-il Nazzjon differenti.

Bosta mill-esperimenti li saru u bosta minn dak li nafu dwar id-demel artifiċjali hu xogħol ta' Sir John Russell. L-istudju tal-Bjoloġija, ta' l-insetti tal-pjanti, tal-ħlejjaq ta' mikrobi żgħar li ma jidhrux li jinsabu fil-ħamrija (Bacteria), u bosta studju ta' ħtieġa kbira ġew kollha 'l quddiem bit-tħabrik, għerf u sabar tiegħu.

Fit-tmiem tal-karika tiegħu, Sir John Russell għandu t-tislim ta' l-istudenti kollha tal-Biedja ta' kull pajjiż. Hu wieħed mill-ftit li iddedika ħajtu biex itejjeb il-biedja tad-dinja li hi ta' ġid kbir lill-umanità. Bosta mit-tkixxif tiegħu żied mhux ftit fil-produzzjoni ta' l-ikel f'din il-gwerra.

Minn din il-Gżira tal-"George Cross", aħna il-mexxejja ta' "Il-Bidwi" li ipprofittajna bosta drabi mix-xogħol tiegħu, ukoll ningħaqdu flimkien u nixtiequlu ħajja twila fil-kwiet u fil-paċi.

AD MULTOS ANNOS.

### "IL-BIDWI" GĦALL-BDIEWA!

**Dawk il-bdiewa li jafu jaqraw, jew għandhom xi ħadd fil-familja li jaf jaqra, u jixtiequ li jiksbu kopja ta' "IL-BIDWI" b'xejn għandhom jiktbu lill-Editur, "Il-Bidwi", Uffiċċju tal-Biedja, il-Għammieri.**

**Dawk il-bdiewa li wara li jaqraw "IL-BIDWI" ma jerfgħuhx, huma mitlubin inewluh lill-Bdiewa sħabhom li minnu jistgħu jkunu jafu ħafna ħwejjeġ meħtieġa għas-sengħa tagħhom u għall-ġid tagħhom.**

## GĦELUQ SENA

BIL-ĦARĠA ta' din id-darba, "Il-Bidwi" jagħlaq l-għomor ta' sena minn mindu beda joħroġ l-ewwel darba mid-Dipartiment tal-Biedja. Ġurnal ieħor bħal dan, u taħt l-istess isem, kif jafu bosta qarrejja, dari kien joħroġ taħt it-tmexxija tas-Sur Karm Zammit Marmarà, M.B.E., li l-lum huwa l-"**Agricultural Liaison Officer**" tad-Dipartiment tal-Biedja u l-Editur ta' "Il-Bidwi" tal-lum. "Il-Bidwi" ta' qabel ma kienx baqa' joħroġ sabiex jagħmel il-wisa' lil ġurnal ieħor ta' l-istess għamla, li kien il-"Melita Agricola", maħruġ mill-Uffiċċju tal-Biedja—u billi s-Sur Karm Zammit Marmarà ma xtaqx ifixkel l-amministrazzjoni tal-Biedja tal-pajjiż, dlonk waqqaf il-ħruġ tal ġurnal tiegħu. Billi l-"Melita Agricola" ma baqgħetx toħroġ, is-Sur Karm Zammit Marmarà, sena ilu kien ħajjar il-Gvern biex joħroġ ġurnal li, kien imbagħad, ħareġ bl-isem ta' "Il-Bidwi"—isem li tassew jixraqlu—bil-ħsieb li biħ il-bidwi malti u kull min għandu interess fil-biedja jew kultivazzjoni ta' prodotti tar-raba' u ġonna jkun jista' jitgħallem metodi ġodda ta' kultivazzjoni u jkun jaf il-prinċipji li bihom il-Gvern qiegħed imexxi x-xogħol u l-progress tal-biedja u tal-Bdiewa ta' Malta u Għawdex, u sabiex ukoll il-bidwi jkollu l-informazzjonijiet kollha li jkunu jiħtiġulu fis-sengħa tiegħu, kif ukoll ikollu fil-qosor tagħrif ta' xi avviżi importanti li 'l hawn u 'l hinn joħroġ id-Dipartiment tal-Biedja.

Kif naraw fil-ħamsa u għoxrin ħarġa ta' "Il-Bidwi", jiġifieri minn dik tal-15 ta' Novembru, 1942 sa din tal-15 ta' Novembru, 1943, il-bdiewa, il-ġenniena u n-nies kollha li jaqraw "Il-Bidwi" għandhom mera tal-pulitka u ħidma tad-Dipartiment tal-Biedja fi-eqqel żmenijiet ta' twegħir għall-gżejjer ta' Malta meta l-biedja tagħna kellha tieħu l-aqwa sehem għad-difiża u ħajja tal-popolazzjoni—barra minn dana, "Il-Bidwi, ma' tul din is-sena ta' ħajja, wera u fisser b'artikoli editorjali u b'artikoli oħra s-sistema dwar il-Kontroll tas-Swieq u Tqassim ta' Ħxejjex, il-proġett ta' Għaqdiet Ko-operativi, taċ-Ċensiment tar-Raba', ta' l-Industrji tagħna li għandhom x'jaqsmu mal-Biedja, u fl-aħħarnett il-Proġett il-Kbir ta' Raba' Bagħli f'Saqwi bis-sistemi ġodda tat-tisqija tar-raba'—ħwejjeġ kollha li fuqhom id-Dipartiment deherlu li għandu jibni mill-ġdid il-biedja tagħna fuq pedamenti sodi għall-progress u risq tal-biedja u tal-bidwi.

Ta' min jifraħ li dan id-daqsxejn ta' ġurnal s'issa bil-ħidma qalbenija ta' l-Editur, is-Sur Karm Zammit Marmarà, u bil-għajnuna ta' xi nies tad-Dipartiment, fosthom it-Traduttur u Editur tal-Propaganda u ta' xi oħrajn li 'l hawn u 'l hinn għoġobhom jiktbu xi artikoli ta' fejda fuq il-biedja, "Il-Bidwi" mexa dejjem bil-qlugħ miftuħa u b'riħ tajjeb fuq il-ħalel ta' baħar li s'issa kellu jgħaddi minnu. "Il-Bidwi" l-lum sar il-ħabib ta' bosta nies u jfittxu kulħadd, sew il-bidwi, sew il-ġennien u sew id-dilettant tal-ġonna, u kemm ukoll kull bniedem ieħor li għandu għal qalbu l-ġid tal-biedja tagħna. tant li l-pubblikazzjoni ta' "Il-Bidwi" minn ħarġa ta' 500 kopja kellha wara ftit tiżdied ma' l-elfejn, u minn xi xahar 'l hawn qiegħed kull darba joħroġ bin-numru sabiħ ta' erbat elef kopja.

Jalla l-egħluq ta' dis-sena għomor ikun għall-"Bidwi" ta' risq għal bosta u bosta snin oħra!

# IL-WIRJA TAL-BHEJJEM FIL-QASAM TAL-GHAMMIERI

(*R. Hay*)

## Ftuħ tal-Wirja

IS-SIBT u l-Ħadd, it-23 u l-24 ta' Ottubru, it-triqat kollha kienu jwasslu sal-Għammieri. Mill-ħin tas-sebħ 'il quddiem kien hemm bħal kurrent għaddej dejjem ta' żwiemel ileqqu u nodfa ,ponijiet ħfief ilebbtu u jgħollu saqajhom, armati b'inġenji miżbugħin friski, bgħula u ħmir sejrin lejn it-trieq li tieħu għall-Wirja li twaqqfet u nfetħet mid-Dipartiment tal-Biedja fil-Qasam tal-Għammieri.

Bhejjem oħra, baqar, mogħoż, ngħaġ u fniek kienu wkoll waslu f'ħin jew ieħor, biċċiet minnhom bil-mixi oħrajn fuq xi bhejjeċ ta' l-inġenji; iżda kollha kienu fl-isbaħ kondizzjoni u kollha kienu juru fil-bixra tagħhom li sidhom huwa ferħan bihom u li fihom kellu l-isbaħ tama.

## Majjali u Gniedes

Kien hemm numru sabiħ ta' bhejjem u annimali minn diversi bnadijiet tal-Gżira, u f'xi klassijiet tal-Wirja minn fost is-sitta u erbgħin waħda li kien hemm il-pika ta' bejniethom għal premjijiet kienet daqsxejn waħda qawwija. B'kollox inkitbu 'l fuq minn 400. Fil-klassijiet tal-majjali l-Armata u l-Forza ta' l-Ajru għamlu figura sabiħa.

Ir-"Royal Air Force" ta' l-istazzjon ta' Hall Far kellhom tassew biex jifirħu bihom infushom għax rebħu erba' premjijiet minn ħamsa li kien hemm miktubin. Ħanżira Sewda Ingliża ta' Essex ta' kobor tal-għaġeb, li fil-maqjel tagħha il-Flt. Lt. Evans ħela kemm-il-siegħa jħabrek u jieħu ħsiebha, ma rnexxielhiex taħtaf il-premju tat-tazza lil Ħanżira Bajda tar-razza l-Kbira li hi ta' nisel iżjed fin, iżda billi din ġiet mill-istess maqjel, dawk ta' Hall Far ma ddispjaċihomx, iżda ferħu wkoll. It-Tenent Ceraxhe tal-Lintorn Barracks, li kellu x-xorti jieħu l-ewwel premju għal ħanżira tal-wiri, għamel ġieh lill-Armata. Jidher li bħalissa l-ħeġġa għat-trobbija tal-ħnieżer u kultivazzjoni tal-ġonna kulma tmur qiegħda tieħu xeħta kbira fost innies tas-Servizz—xeħta li aħna lkoll għandna nifirħu biha.

Fil-waqt li konna qegħdin naraw il-bhejjem aħna waqafna nitgħaxxqu b'gendus tar-razza mill-isbaħ tas-Sur Joseph Zahra li bih rebaħ it-tazza mogħtija mill-Aġent Direttur tal-Biedja.

## Baqar, Żwiemel u Fniek

Il-konkors tal-ħlib tal-baqar rebħu s-Sur Manwel Mifsud minn San Ġiljan; il-baqra tiegħu fi 18-il-siegħa ħalbet 25 libbra jew 2 galluni u nofs ħalib. Premju tal-ħlib talmogħoż rebħu s-Sur Karm Borg mill-Marsa; il-mogħża tiegħu ħalbet 10 libbri u nofs, madwar gallun, f'24 siegħa.

Kien hemm għall-wirja żwiemel mill-isbaħ u l-ħarsa għajjura ta' bosta nies kienet mixħuta lejn il-bhejjem taxxogħol, żiemel mill-isbaħ tas-Sur Stiefnu Cardona, kif ukoll lejn id-debba tas-Sur Salv Axisa li rebħitlu t-tazza.

Dwar il-fniek aħna sirna nafu mis-Segretarju ħabrieki tal-Wirja, is-Sur Vinċens Rizzo, illi Fniek tar-razza l-Kbira, hekk magħrufa bl-isem ta' "Flemish Giants", din id-darba kien hemm għall-wirja iżjed minn f'kull wirja mis-sena 1935 meta l-Wirja tal-Fniek u tat-Tjur kienet saret l-ewwel darba fil-Ġonna ta' Sant' Anton. F'din ilklassi ħa l-ewwel premju s-Sur Ebezer Slythe, it-tieni premju s-Sur Hector Borg u t-tielet premju s-Sur Leli Curmi. L-eżaminaturi tal-Wirja sabu ruħhom ftit u xejn hekk imfixxklin bil-Wirja tant sabiħa ta' fniek, illi ħtiġilhom jagħtu 4 premijiet bħala t-tielet premju b'sogħba kbira tal-kaxxier!

Kien hemm numru sabiħ ta' fniek mibgħutin mix-Xirkiet tat-Tfal li jrabbu l-fniek u f'din il-klassi t-tazza u l-ewwel premju ħadhom Joe Zammit Lewis, mill-Imsida, fil-waqt li t-tieni premju ħaduh Renu Santucci u Joseph Martinelli.

## Inbejjed

Għaddejna siegħa ġmielha nduqu u niggustaw id-differenzi fil-kwalità fina bejn kampjun u ieħor ta' nbid, »obon, u kunserva tat-tadam bħala prodotti tal-pajjiż. L-inbejjed kollha, m'għandna x'ingħidu xejn, kienu għadhom ma sarux għal kollox, iżda l-kampjuni ta' nbid fin talmejda tas-Sinjuri La Rosa, l-inbid Mnuskatell tal-Kaptan Caruana tar-Rabat u l-inbid iswed tas-Sinjuri Aħwa Koleiro kienu tassew inbejjed ta' palat mill-aħjar.

L-eżami ta' l-inbid ħtieġ esperjenza kbira biex tagħraf tagħżel it-tjubija ta' l-inbejjed, iżda l-eżami tal-għasel kienet ħaġa wisq iżjed ħafifa l-għaliex saħansitra l-palat tagħna, ta' nies li m'aħniex tas-sengħa, sata' jħoss u jinduna bit-togħma bnina tas-sagħtar ħelu fil-għasel tas-Sur Karm Zammit.

## Qara' Ħamra tal-Għaġeb

Aħna bqajna ftit u xejn b'ħalqna miftuħ meta rajna l-itqal qara' ħamra tas-Sur J. Cesareo. Hija kienet tiżen mal-114 ratal; kien toqol ta' muntanja prodott tal-ħaxix!

Bqajna daqsxejn waħda mqarrqin u ma stennejniex li jkun hemm biss erba' esibizzjonijiet mill-ġonot tar-raba' mqassam mill-Gvern f'San Ġiljan iżda bħalissa ż-żmien tassena huwa ftit u xejn bejn l-istaġuni għall-ħxejjex u din hija forsi r-raġuni illi minn din il-klassi ndaħlu għal din il-wirja ftit nies.

Meta tagħmel Wirja fil-Qasam tal-Gvern ikun hemm bosta vantaġġi il-għaliex min imur jara l-wirja jista' jdur 'il hawn u 'l hinn skond ma jogħġbu u fl-istess ħin jara d-diversi xogħlijiet tal-Qasam. Il-fabbrika tal-ġobon filkmamar tax-xogħlijiet tal-ħalib, il-wirja u tifsir fuq ilħrit b'makna tal-mutur li tiġbed moħriet li jaħrat tliet raddiet f'daqqa, il-wirja u tifsir fuq id-dris, il-makkinarju tal-ħsad li waqt li jaħsad il-qamħ jorbot it-tiben f'qatet, dana kollu serva biex dak li jkun ivarja u jserraħ għajnejh wara li jkun qagħad iħares għal ħafna żmien lejn l-oġġetti l-oħra tal-Wirja. U meta dak li jkun xaba' jara dawn l-egħġubijiet ta' għodod mekkaniċi s-skiet ta' l-Uffiċċju taċ-Ċensiment tar-Raba' b'dawk il-mappi tiegħu li jsaħħruk u li juruk kull għalqa u l-iċken ġonta raba' f'Malta jħajrek tagħti daqqa ta' għajn oħra, tifli u titgħaxxaq b'xogħlijiet, li ftit huma magħrufin, tad-Dipartiment tal-Biedja. Jekk imbagħad in-natura bl-egħġubijiet tagħha setgħet tgħajji l-għajnejn tan-nies ta' l-ibliet, jew lin-nies tal-kampanja billi dawn imdorrijin fiha kuljum, id-Dipartiment ipprovda f'din il-Wirja—is-Sibt wara nofs in-nhar—xi divertimenti ċkejkna għal mogħdija taż-żmien u li jagħtuk gost, bħalma hu l-Ġbid tal-Ħabel, li ntrebaħ mitteam qalbieni tar-"Royal Marines", it-tiġrija fl-ixkejjer u premju għal min jaqbad ħanżira midluka bix-xaħam. Flewwel ġurnata daqqet il-Banda tal-Pulizija u l-Ħadd daqqet il-Banda ta' l-Artillerija tal-Maltin.

## Ftuħ ta' l-Uffiċċju l-Ġdid tal-Biedja

Id-Dipartiment tal-Biedja nqeda b'din l-okkażjoni biex fetaħ uffiċjalment l-Uffiċċji l-ġodda tiegħu li issa jinsabu fil-bini li dari kien iservi bħala skola tat-Taħriġ għassengħa tal-Biedja. Il-ftuħ tad-Dipartiment il-ġdid tal-Biedja sar is-Sibt wara nofs in-nhar mill-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof ta' Għawdex u mis-Sinjurija Tiegħu l-Loktenent Gvernatur.

Nhar il-Ħadd l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur spezzjona l-oġġetti tal-Wirja u qagħad jara l-Paiata tal-Bhejjem li għaddiet minn quddiemu. Iżjed tard ma' tul il-ġurnata, bejn raxxa xita u oħra, is-Sinjura Campbell għoġobha bil-ħlewwa kollha tqassam il-premijiet lil dawk kollha li rebħu fil-Wirja, u s-Sur Zammit Marmarà, M.B.E., għamel erba' kelmiet lin-nies, fejn fisser fil-qosor il-pulitika li fuqha għalli »ej biħsiebu jimxi d-Dipartiment. F'din l-okkażjoni l-Kumpanija tar-"Rediffusion" għoġobha tarma xi "loudspeakers".

Din il-Wirja ġew iżuruha kumpanniji ta' seba' mitt tifel minn skejjel privati u skejjel tal-Gvern, u l-Uffiċjali Distrettwali tal-Biedja għamlu ħilthom kollha biex, sakemm ippermettielhom il-ħin, ifissru l-misterji tal-biedja lil dawk iż-żgħar li ġew iżuru l-Wirja.

B'kollox daħlu jaraw il-Wirja 'l fuq minn 15-il-elf ruħ u l-fehma ta' kull min indaħal biex jikkonkorri kif ukoll ta' min ġie jara l-Wirja kienet waħda, jiġifieri illi l-Wirja kien hemm għalfejn wieħed imur jaraha u li hija tat gost u li serviet fl-istess ħin ta' faraġ u ta' fejda f'dawn il-ġranet hekk imqita ta' żmien il-gwerra.

# SISTEMI QODMA U ĠODDA TAS-SAQWI

(*C. Said, Uff. Distrettwali*)

META aħna nitkellmu fuq "is-saqwi" soltu bil-kelma saqwi nifhmu dik il-biċċa raba' li tissaqqa b'mezzi artifiċjali.

F'Malta hemm diversi nixxigħat minn fejn jiġi l-ilma tas-saqwi u dawn in-nixxigħat qegħdin issa jiżdiedu u ninqdew bihom mill-aħjar li nistgħu. Is-Sur Grieve, li huwa Uffiċjal Esekuttiv fil-Kumitat tal-Biedja ta' żmien il-Gwerra f'Cheshire, l-Ingilterra, u żar din il-Gżira biex jara kif tista' titjieb il-biedja ta' dawn il-gżejjer kien qal: "L-ilma huwa l-iktar ħaġa meħtieġa u iktar ma wieħed jipprovdi ruħu bl-ilma ikun aħjar."

Fl-antik l-ilma għat-tisqija kien jinġieb jew minn nixxigħat naturali jew mill-ħażna ta' l-ilma tax-xita ma' tul ix-xitwa, u din il-ħażna l-bdiewa kienu jinqdew biha ma' tul is-sajf kollu.

Din is-sistema ta' tisqija kienet biss isservi għal bċejjeċ ta' artijiet ċkejkna. Wara, imbagħad, il-bżonn li jiżdied ir-raba' saqwi ġagħal lill-bidwi li jħaffer spejjer għall-ilma ġieri. L-użu ta' muturi tar-riħ li jtellgħu l-ilma u ta' muturi li jaħdmu biż-żejt biex jippumpjaw dan l-ilma kabbar mhux ftit l-artijiet tas-saqwi. Il-lum il-bidwi jaf tajjeb kemm jiswa l-ilma.

B'danakollu, ftit huma dawk il-bdiewa li kienu hekk ixxurtjati li jkollhom provvista xierqa u bix-xaba' ta' ilma b'dawn il-mezzi għalkemm sar kull sforz u ntefqu ħafna flejjes sabiex wieħed jinqeda mill-aħjar b'dawn is-sistemi tas-saqwi.

Din is-sistema, għalkemm żiedet mhux ftit il-prodotti tal-biedja, wara kollox uriet li dan l-isforz sewa iktarx f'ħela ta' taħbit u flus il-għaliex il-provvista ta' l-ilma li wieħed kiseb, meta tqis l-armar u l-ispejjeż li saru, kienet ċkejkna.

Difatti mill-istatistika tal-biedja tagħna jidher illi minn total ta' 162,000 tomna raba' li jistgħu jinħadmu f'dawn il-gżejjer, ma hemmx minnhom ħlief 8,000 tomna ta' raba' saqwi. Dan juri biċ-ċar li jekk ma tiżdiedx il-provvista ta' l-ilma bi kwantità sewwa, "li hi l-iktar meħtieġa", ir-raba' saqwi ma jkunx jista' jiżdied.

Il-proġett il-ġdid tas-saqwi mexa ħafna 'l quddiem b'riħet il-mossa li ttieħdet mill-Gvern ma' tul dawn il-ftit xhur ta' l-aħħar. Dan il-proġett il-ġdid, li qiegħed jitmexxa mid-Dipartiment tal-Biedja flimkien mad-Dipartiment ta' l-Ilma, meta jitlesta, iżid in-nofs tal-kobor tas-saqwi li għandna l-lum.

L-ilma, skond dan il-proġett il-ġdid, jittieħed b'taħfir ta' toqob fil-fond—toqob imħaffrin b'makna li tgħaġġbek; li, soltu tħaffer mal-40 pied kuljum. Dan it-taħfir ta' toqba, ta' 10 pulzieri dijametru, jinżel sa 50 pied l-isfel mil-livell tal-baħar illi, skond ir-reguli tax-xjenza, huwa l-aħjar fond.

S'issa tħaffru bosta minn dawn it-toqob u jidhru li rnexxew ħafna, u minnhom il-pompi ta' l-ilma diġà qed itellgħu miljuni ta' galluni ta' ilma, sew għat-tisqija tal-prodotti kemm ukoll għax-xorb.

Il-proġett il-ġdid tas-saqwi li, skond ma jixraq, hu msemmi "Proġett tas-Saqwi ta' Lord Gort V.C.", ilu diġà jaħdem minn xi xhur u żewġ taqsimiet ta' raba' saqwi, jiġifieri t-Taqsima tas-Saqwi Nru. 1 (f'Ħall Għaxaq) u t-Taqsima tas-Saqwi Nru. 2 (iż-Żejtun) diġà mxew sewwa 'l quddiem f'dan il-proġett. Fiż-żewġ taqsimiet hemm mal-200 tomna raba' bagħli mill-aħjar li diġà biċċa minnhom tbiddlu f'raba' saqwi fi ftit taż-żmien.

Minn dan il-proġett il-ġdid ikkontrollat mill-Gvern sa jinbtu xi erbħin taqsimiet ta' raba' saqwi mxerrdin ma' Malta u Għawdex kollu. Kull waħda minn dawn it-taqsimiet ta' raba' għas-saqwi fiha mal-mitt tomna ta' raba' bagħli. Dan ifisser li sa jittieħed u jitħaddem l-ilma ta' wesgħa art jew ta' biċċa raba' għall-ġid ta' dawk kollha li jaħdmu f'dik il-wesgħa art li ġiet magħżula.

Ix-xogħol kollu ta' titqib, armar, u ippumpjar u tqassim ta' ilma jieħu ħsiebu l-Gvern u l-bdiewa ma jkollhomx ħlief iħallsu dritt ta' 6s.8d. f'kull tomna raba', u rata xierqa ħafna ta' mhux iżjed minn 8d. f'kull 1,000 gallun ilma, għall-ilma li jaħlu.

Barra minn dan, il-Gvern qies u ħaseb sabiex il-qbiela f'dawn it-taqsimiet ta' raba' ma togħliex, jekk qatt sid l-art jittanta li jgħolliha.

Kif kull bidwi għandu jifhem minnufih, dan il-proġett sa jiswa lill-Gvern somom kbar fix-xogħol ta' (a) titqib; (b) armar ta' pompi fi spejjer fondi; (ċ) bini ta' ġibjuni kbar għall-ilma; (d) tqegħid ta' kanen f'kull biċċa raba' tas-saqwi u (e) manutenzjoni ta' dan is-servizz kbir ta' l-ilma.

L-ilma li qed jittieħed mill-artijiet li hemm imdaħħlin f'dan il-proġett tas-saqwi s'issa jidher li hu tajjeb u ġej bi kwantità kbira. Biżżejjed insemmu bħala eżempju illi l-pompa li tqiegħdet f'Ħall Għaxaq ilha taħdem bla ma taqta' qatt mat-tliet xhur, 22 siegħa kuljum, u ttalla' fis-siegħa mal-4,000 gallun ilma.

Għandu wieħed jifhem tajjeb illi dan il-Proġett tas-Saqwi l-ġdid, kif juri l-isem tiegħu li nħoloq bis-saħħa tad-dehen u tħabrik tal-Gvernatur tagħna, għandu jkun użat għalkollox minn kull bidwi ħawtieli li jinzerta jkun hekk ixxurtjat li jkollu xi biċċa art tiegħu mdaħħla f'xi Taqsima ta' dawn l-Artijiet tas-Saqwi.

———:x:———

# SKERZI F'XI TNISSIL TA' PJANTI

(*J. G. Wallace*)

MINN nofs is-Seklu Sbatax dehret xi kitba fuq xi għamliet jew fuq razez strambi ta' pjanti li bħalhom ma kinux dehru qabel, u li skond ma jidher, kellhom is-sinjali ta' żewġ razez jew speċi differenti u bdanakollu din il-ħaġa hekk stramba ma kenitx tidher li ġejja minn dakra jew taħlit bejn żewġ razez ta' pjanti differenti. Dawn ix-xorta ta' skerzi l-ewwel ma dehru u ssemmew fil-frott ta' l-agrumi sa mill-1646 u din ir-razza ta' pjanti hija l-lum l-iktar waħda li tirkaċċa f'dawn l-iskerzi ta' tnissil il-għaliex dlonk jidhru fil-weraq u fil-frott tagħhom. Bosta nies osservaw dawn l-iskerzi fil-weraq imżewqin jew fil-frott imżewwaq tas-siġar tal-laring.

Xi wħud minn nies dawn l-iskerzi osservawhom f'xi pjanta komuni li tagħmel żewġ kuluri differenti ta' fjuri fuq l-istess zokk, bħalma hija l-pjanta tal-krisantemi, li fihom dawn l-iskerzi huma ħaġa hekk komuni. Ftit huma dawk in-nies li ssibhom jemmnu illi l-patata, prodott hekk ordinarju, tista' tagħmel dawn l-iskerzi, u, bdanakollu, hija ħaġa minnha illi l-lum waħda mill-iktar varjetajjiet popolari tal-patata fl-Ingilterra u l-aħjar waħda li żżomm —li hi l-"Golden Wonder"—mhix ħaġ'oħra ħlief razza ta' pjanta mnissla minn skerz. Xi erbgħin jew ħamsin sena ilu raġel li kien qed jaħdem fid-Distrett Skoċċiż ta' Angus kellu għalqa b'wiċċ patata bajda "Langworthy" li kienet dak iż-żmien timxi ħafna, u fil-waqt li kien qed jaqla' dan il-prodott lemaħ patata li kellha ċertu kulur ħamrani skur fi pjanta waħda. Huwa rafa' din il-patata, rabba' żeragħha s-sena ta' wara, u, wara li sabha li hi kwalità fina, issokta irabbi minnha u jżid fil-prodott tagħha. Minn din huwa, imbagħad, nissel dil-kwalità ta' patata li l-lum hija mxerrda ħafna, li hija l-"Golden Wonder".

L-iktar pont interessanti dwar din il-patata "Golden Wonder" huwa dak li tista tinsuża għal sperimenti oħra ta' tnissil.

Jekk l-egħjun tal-patata "Golden Wonder" jinqatgħu oħxon, imbagħad tiżra' l-bċejjeċ maqtugħin, inti għandek issib illi dawn jarmu minn ġewwa l-laħam (jew minn taħt il-koxra) u jipproduċu patata bajda. Difatti hija targa' tagħmel ix-xorta ta' patata ta' qabel li hi l-"Langworthy" minn fejn kienet tnisslet. Ma għandux wieħed jaħseb madankollu illi l-pjanti kollha mżewqin fil-weraq jew frott tagħhom huma skerzi ta' tnissil, il-għaliex xi mindaqqiet it-tiżwiq (bħa tlbajja' bojod) huwa ikkaġunat mill-marda tal-werqa mġiegħda.

# FUQ IZ-ZUNTIER

## PEPPI U TONI

(*C. Zammit-Marmarà M.B.E.*)

PEPPI.—X'għandna, Ton? Xi ħames minuti ilu għaddejt u rajtek ma' Mikiel ta' Karla, u bqajt sejjer għax rajtkom skantati u ma ridtx infixkilkom.

TONI.—Iva, Pepp. Għax kont qed ngħallmu ftit artimetka mentali.

PEPPI.—Xi tkun din, xi ħaġa ta' l-ikel, Ton?

TONI.—U x'ikel ikel. Kalkulazzjoni mingħajr kitba. Hekk ara. Nagħtu kas għaxar baqriet jagħtuk gallun ħalib kull waħda, u għaxra oħra jagħtuk nofs gallun kull waħda, kemm il-gallun ħalib tieħu minn 20 baqra?

PEPPI.—20 gallun!!

TONI.—Ma taf xejn aritmetka, Pepp!

PEPPI.—Imma dak għax ma tifhimx fil-ħalib, jekk taħseb li tieħu biss 15-il-gallun! Anzi, jekk inħalli f'idejn Katarin tiegħi toħroġ 25 gallun żgur!

TONI.—Kemm int disonest!

PEPPI.—Isma', Ton, tabilħaqq illi l-Gvern sejjer jgħaddi liġi li biha jagħti d-dritt lill-bidwi biex iżomm irraba' tiegħu?

TONI.—Id-Dipartiment tal-Biedja ressaq liġi quddiem il-Gvern li, jekk tgħaddi, tagħti dawn id-drittijiet lill-bidwi u jkollu wkoll dritt għall-benefikati li jkun għamel jekk ifiittillu jitlaq ir-raba'.

PEPPI.—Kieku tajjeb. Imma ngħid jien x'kien li ġagħal lid-Dipartiment tal-Biedja jaħseb f'dan?

TONI.—Għax kif inhi l-liġi l-lum mhi sewwa xejn. Bħallikieku bidwi li ilu għal żmien twil bir-raba' mqabbel għandu, jagħmel ħafna benefikati fih, u wara li jirranġah is-sid jgħollilu l-qbiela...

PEPPI.—......ajma ħej!......

TONI.—Jgħollilu l-qbiela u jekk ma jaċċettax iġagħlu jagħmel il-wisa' għal xi bidwi ieħor! Jiġifieri li taħt il-liġi tal-lum ma jaqbilx li tagħmel benefikati, għaliex jew int stess ikollok tħallas qbiela ogħla għal benefikati li tkun għamilt inkella tkun frixt is-sodda għal ħaddieħor.

PEPPI.—Hekk mhux sewwa.

TONI.—U żgur li mhux sewwa. B'hekk il-biedja qatt ma tiġi 'l quddiem. Allura jinħtieġ u kien jinħtieġ li jsir xi ħaġa bil-għaqal u bil-ġustizzja għal kulħadd, biex il-bidwi jkun żgur li żgur li l-benefikati li jagħmel igawdihom hu u mhux ħaddieħor. B'hekk ir-raba' tagħna jkun jista' jiġi iżjed 'il quddiem għax fih il-bidwi jaħdem bil-qalb u mingħajr biża'.

PEPPI.—Il-ħsieb kieku tajjeb, Ton, jekk iseħħ. Allura il-bidwi jaħdem bil-qalb u mingħajr biża'.

TONI.—Le, mhux qatt! Il-liġi għandha tkun ġusta! Jekk ikun bidwi li jittraskura r-raba', li ma jħallasx kera, jew li jagħmel xi ħsara, allura s-sid ikollu dritt ikeċċih bir-raġun kollu. Fi ftit kliem, bidwi tajjeb li jaħdem ir-raba' skond ma titlob is-sengħa, u li jħallas il-qbiela kif jixraq, ma jkollux biża'.

PEPPI.—Grazzi, mill-informazzjoni li tajtni, Ton. Saħħa.

TONI.—Bonġu; selli għal Ġerit!

:x:

# IL-ĠRIEDEN U KIF TEQRIDHOM

(*Editur tal-Propaganda, Uffiċċju tal-Biedja*)

(*Jissokta minn "IL-BIDWI" Nru. 23*)

Il-ġrieden li jieklu minnha jdumu ma jmutu minn 4 sa 20 ġurnata. Jekk il-qtates jew klieb iduqu minn din il-lixka dawn jitgħaxxu u juru sinjali ta' avvelenament, iżda wara ftit jerġgħu jistejqru.

Minn xi ftit taż-żmien 'l hawn qegħdin jintużaw ċerti lixki lesti minn fabbriki u li ma humex hekk perikulużi għall-annimali oħra, fost dawn insemmu l-preparat tal-*Għansar Aħmar* mħallat bid-dqiq u l-aringi, u l-preparat tal-*Barjum* jew *Karbunat tal-Barju*. Dan hu trab abjad li jitħallat mad-dqiq u x-xaħam jew man-nuħħala. Din is-sustanza ma toqtolx malajr.

Il-*ġibs virġni* li semmejna hawn fuq hija sustanza li rnexxiet ħafna iżda mhux ta' min jinqeda biha għax il-ġrieden ibatu biex imutu meta jieklu minnha. Il-ġrieden sakemm imutu taqbadhom bħal rabja u joqtlu bil-gdim tagħhom lill-ġrieden l-oħra sħabhom. Mezz ieħor biex wieħed jeqred il-ġrieden huwa l-*gass* tal-kubrit jew taċ-ċjanur li jintreħa għal ġewwa pajp imdeffes f'toqba tal-ġrieden.

Meta wieħed juża dawn il-veleni għandu jbiddel sew il-kwalità kemm l-għamla tal-lixka għax il-ġrieden jekk jindunaw li ċertu ikel qiegħed joqtol lil sħabhom dawn dlonk jistmerruh u ma jersqux lejh. Mezzi oħra biex jinqerdu l-ġrieden kienu qed jintużaw ukoll f'xi pajjiżi, mezzi li ma tantx jaqbel li wieħed jużahom għal periklu li fihom. Dawn il-veleni huma magħrufin mill-fabbriki Ingliżi bl-isem ta' *Rat Viruses* li fihom id-dud jew mikrobi tal-mard tal-ġrieden. Il-ġrieden li jieklu minn dawn il-lixkiet jew sustanzi mċappsin fuq xi ħobż, laħam, eċċ., jimirdu u jċappsu bil-mard lill-ġrieden sħabhom. Iżda dawn is-sustanzi huma wkoll perikulużi għall-annimali l-oħra tad-dar u xi minndaqqiet għall-bnedmin ukoll. Ġara li f'xi stabbilimenti fejn kienu jużaw minn dawn is-sustanzi nfexxet xi marda qawwija fost in-nies ta' postijiet fejn intasbet xi waħda minn dawn is-sustanzi.

*TMIEM*

:x:

# AVVIŻI

**UFFIĊĊJU PRINĊIPALI TAL-BIEDJA FL-GĦAMMIERI.**—Ngħarrfu li l-Uffiċċju Prinċipali tal-Biedja, mil-Liceo tal-Ħamrun, ittieħed fil-Qasam tal-Gvern, il-Għammieri, il-Marsa. Telefonn Central Nru. 4940.

**KUPRU.** — Dawk il-bdiewa li għandhom bżonn tal-Kupru biex ibixxu l-patata tax-xitwa għandhom imorru jeħduh minn għand il-pitkal tagħhom.

**KUMPENS GĦALL-ĦSARAT FIR-RABA'.** — Dawk il-bdiewa li jixtieqv jitolbu xi kumpens għall-ħsarat li sarulhom mill-Awtoritajiet Militari dwar xi postijiet użati mill-Militar bħala kampijiet fir-raba' tagħhom għandhom jirrappurtaw fl-eqreb Uffiċċju tal-Biedja tad-Distrett tagħhom mingħajr dewmien. It-talba għandha ssir għal ħsarat ikkaġunati b'xogħlijiet jew tibdil li sar mill-Awtoritajiet Militari. Ħsarat oħra bħalma hu serq għandhom jiġu irrappurtati l-Għassa tal-Pulizija.

Ebda talba fuq ħsarat dwar postijiet użati mill-Militar għall-kampijiet ma tiġi ikkalkulata wara l-15 tax-xahar id-dieħel.

**ŻRIERAGĦ U XTIELI GĦAL BEJGĦ.** — Id-Dipartiment tal-Biedja jgħarraf lill-bdiewa u lil dawk kollha li għandhom ġnien illi bħalissa hemm kwantità kbira ta' xtieli mlaħħqin fil-Qasam tal-Gvern tal-Għammieri b'dawn il-prezzijiet:—

| | |
|---|---|
| Kaboċċi (ta' barra u tal-pajjiż) | 1s. il-mija. |
| Ġdur (tal-pajjiż magħżulin) | 9d. il-mija. |
| Indivja u bisbies | 6d. il-mija. |

Il-bdiewa jistgħu jieħdu kwantitajiet sfużi ta' żrieragħ ta' bosta mill-ħxejjex mill-Qasam tal-Għammieri, fil-waqt li dawk li għandhom ġnien ikunu jistgħu jieħdu pakketti taż-żrieragħ mill-Postijiet tal-Fniek tar-Razza, mill-Uffiċċji tal-Biedja tad-Distrett, mill-Posta Nru. 132 tal-Bejgħ taż-Żrieragħ u Xtieli, is-Suq tal-Belt u mill-Qasam tal-Għammieri.

**BEJGĦ TA' FUL.** — Sa nhar il-Ħamis, il-25 ta' Novembru, 1943, l-Uffiċċju tal-Biedja, l-Għammieri, jirċievi offerti għax-xiri ta' 100 qantar ful tajjeb għall-ikel tannies, iżda mhux tajjeb għaż-żrigħ. Dan il-ful fih 40 qantar "Threefold White", 10 qnatar "White Windsor" u 50 qantar "Green Windsor". Min irid jista' jmur jara kampjuni ta' dan il-ful fil-Qasam tal-Gvern, il-Għammieri, il-Marsa, fil-ħinijiet tax-xogħol. Min jieħu xi offerta jkollu jġib l-ixkejjer tiegħu. Il-ful għandu jingabar mill-Qasam tal-Gvern fi żmien tlitt ijiem minn mindu tiġi milqugħa l-offerta, u min jonqos minn dan jista' jeħel multa ta' £5. Ħlas mal-kunsinna.

L-Aġent Direttur tal-Biedja jżomm id-dritt li jirrofta kull offerta jew l-offerti kollha li jirċievi.

Il-formuli ta' l-offerti jistgħu jittieħdu mill-Uffiċċju tal-Biedja, il-Għammieri, u mill-Uffiċċji Distrettwali tal-Biedja f'Malta u Għawdex.